31998D0398

L 176/34 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 20.6.1998

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Ġunju 1998

li tagħraf fil-prinċipju l-kompletezza ta' l-inkartament sottomessi għal eżami dettaljat minħabba inklużjoni possibbli ta' BAS 615H, KBR 2738 (*fenhexamid*), *oxadiargyl* u DPX-KN128 (*indoxacarb*) fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid ta' prodotti għal protezzjoni tal-pjanti fuq is-suq

(innotifikata bid-dokument numru C(1998) 1447)

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(98/398/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar l-ippjazzar ta' prodotti ta' protezzjoni għall-pjanti fuq is-suq [1], kif l-aħħar emendat mid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/73/KE [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi d-Direttiva 91/414/KEE (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") ipprovdiet għall-iżvilupp ta' lista tal-Komunità ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

Billi l-applikanti ssottomettew inkartamenti għal erba' sustanzi attivi lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri bil-għan li jottienu l-inklużjoni tas-sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva;

Billi inkartament għas-sustanza attiva BAS 615H kienet sottomessa minn BASF plc lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fit-28 ta' April 1997;

Billi inkartament għas-sustanza attiva KBR 2738 (*fenhexamid*) kien sottomess minn Bayer plc. lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fit-8 ta' Mejju 1997;

Billi inkartament għas-sustanza attiva *oxadiargyl* ġie sottomess minn Rhone Poulec Agro SpA lill-awtoritajiet Taljani fis-16 ta' Ġunju 1997;

Billi inkartament għas-sustanza attiva DPX-KN128 (*indoxacarb*) ġiet sottomessa minn Du Pont de Nemours France SA lill-awtoritajiet Olandiżi fis-6 ta' Ottubru 1997;

Billi l-awtoritajiet imsemmija indikaw lill-Kummissjoni r-riżultati ta' l-ewwel eżami tal-kompletezza ta' l-inkartament fejn għandhom x'jaqsmu r-rekwiżiti ta' *data* u informazzjoni li għalihom hemm provvediment fl-Anness III tad-Direttiva; billi sussegwentement, bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2), l-inkartament kien sottomess mill-applikanti lill-Kummissjoni u Stati Membri oħra;

Billi l-inkartamenti għal BAS 615H, KBR 2738 (*fenhaxamid*), *oxadiargyl* u DPX-KN 128 (*indoxacarb*) kienu riferuti lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fit-18 ta' Frar 1998;

Billi l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jirrikiedi li jkun ikkonfermat fuq il-livell tal-Komunità li kull inkartament għandu jkun ikkunsidrat bħala li jissodisfa inprinċipju r-rekwiżiti tad-*data* u l-informazzjoni li għalihom hemm provvedimenti fl-Anness II u, għal ta' l-anqas prodott wieħed ta' protezzjoni tal-pjanti jikkontieni s-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III ta' din id-Direttiva;

Billi tali informazzjoni hi neċessarja sabiex wieħed isegwi l-eżami dettaljata ta' l-inkartament kif ukoll sabiex tkun miftuħa għall-Istati Membri l-possibiltà li tkun mogħtija awtoriżżazzjoni proviżorja għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li għandhom fihom din is-sustanza attiva skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva, u b'mod partikolari il-kundizzjoni li jkun ssir eżami dettaljat tas-sustanzi attivi u l-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti fejn għandhom x'jaqsmu r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

Billi tali Deċiżjoni ma tippreġudikax li aktar *data* jew informazzjoni tkun rikjesta mingħand l-applikant fejn ikun jidher matul l-eżami dettaljat li tali informazzjoni jew *data* huma rikjesti biex tittieħed Deċiżjoni;

Billi huwa mifhum bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li r-Renju Unit ser isegwi eżamijiet dettaljati għall-inkartamenti għal BAS 615H u KBR 2738 (*fenhexamid*) li l-Italja ser issegwi l-eżamijiet dettaljati għall-inkartamenti għall-*oxadiargyl* u li l-Olanda ser issegwi l-eżami dettaljat għall-inkartament għal DPX-KN 128 (*indoxacarb*);

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 353, ta' l-24.12.1997, p. 26.

Billi r-Renju Unit, l-Italja u l-Olanda ser jirrappurtaw il-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet akkumpanjati bi kwalunkwe rakkomandazzjonijiet fuq l-inklużjoni jew xort'oħra u kwalunkwe kundizzjonijiet li għandhom x' jaqsmu mal-Kummissjoni mill-aktar fis possibli l-aktar tard f'perijodu ta' sena; billi meta jiġi riċevut dan ir-rapport l-eżami dettaljat ser ikompli permezz tal-esperjenza teknika mill-Istati Membri kollha fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar is- Saħħa tal-Pjanti;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provvediment f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID- DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-inkartamenti segwenti jissodisfaw inprinċipju r-rekwiżiti ta' *data* u informazzjoni li għalihom hemm provvediment fl-Anness II, u għal ta' l-anqas prodott wieħed tal-protezzjoni tal-pjanti li jikkontieni s-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III għad-Direttiva waqt li jkun kkunsidrat l-użu propost.

1. L-inkartament sottomess minn BASF plc lill-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jkun inkluż il- BAS 615 H bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kienet irriferuta lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fit-18 ta' Frar 1998.
2. L-inkartament sottomess minn Bayer plc lill-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jkun inkluż il-KBR 2738 (*fenhexamid*) bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kienet irriferuta lill- Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fit-18 ta' Frar 1998.
3. L-inkartament sottomess minn ISK Biosciences Division lill-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jkun inkluż il-*fosthiazate* bħala sustanza attiva f' l-Anness I ta' Direttiva 91/414/KEE u li kienet irriferuta lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fit-18 ta' Frar 1998.
4. L-inkartament sottomess minn Du Pont de memours France SA lill-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jkun inkluż id-DPX-KN 128 (*indoxacarb*) bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kienet irriferuta lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fit-18 ta' Frar 1998.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal- Kummissjoni